MINUTI

Laqgħa b'urġenza Nru 55/2022-8

Il-Ġimgħa, 7 ta' Lulju 2022

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għamel din il-laqgħa b'urġenza fid-9.00 ta' filgħodu.

**PREŻENTI b'mod virtwali:**

Dott Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Is-Sur Nicky Saliba - Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI b'mod virtwali:**

Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

55.1 **Talba**

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Dott Marlene Cini.

50.2 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku Dott. Marlene Cini nfurmat lil membri li l-Kunsillier Nicky Saliba hu skużat għal din il-laqgħa.

50.3 Sejħa għal Assistent Prinċipal

Is-Sindku, Dott Marlene Cini infurmat lil membri illi sad-data ta' l-għeluq tas-sejħa nterna mal-Kunsilli Lokali u Reġjuni kien hemm applikazzjoni waħda. Is-Sindku kompliet tgħid illi t-Tlieta, 5 ta' Lulju 2022 fil-10.00 ta' filgħodu saret l-intervista ma' l-applikant. Il-Bord ta' l-għażla irrakomanda li dan jintgħażel peress li għandu esperjenza twila mal-Kunsilli Lokali u jilħaq ir-rekwiżiti kollha skont il-post vakanti. Is-Sindku nfurmat ukoll lil membri illi dan talab sabiex jingħata żmien sabiex jiddeċiedi sew fuq id-deċiżjoni tiegħu u talab ukoll sabiex jaħdem siegħat flessibli. Għaldaqstant is-Sindku proponiet sabiex jingħata 10 t'ijiem xogħol ċans mill-lum sabiex jaħsibha. Il-Kunsillier Baskal Saliba żied jgħid illi jaħseb li anke hemm *issue* minħabba s-Sibtijiet. Il-Viċi Sindku, Sandra Grech qalet li dan hemm bżonn illi jekk jaċċetta l-kariga jaċċetta wkoll li jidħol is-Sibtijiet. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li la kien hemm applikazzjoni waħda irridu nagħtu ċans lil applikant jaħsibha.

Il-membri aċċettaw ir-rakkomandazzjoni tal-bord ta' l-għażla u qablu li dan l-applikant għandu jiġi magħżul.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.20 ta' filgħodu.

Dott Marlene Cini — Sindku

Odette Camilleri — Segretarju Eżekuttiv